# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Nru.: 154/2020 MH**

**Illum, 2 ta' Ġunju, 2021**

**Fl-atti tal-ittra uffiċjali 1474/11 a tenur tal-artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ppreżentata fl-4 ta' Marzu 2011 fl-ismijiet:**

**Charmaine Sare' (K.I. Nru 477577M)**

**vs**

**Joseph Sare' (K.I. Nru 366172M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tar-rikorrenti tal-21 ta' Frar 2020** permezz ta' liema ġie premess:

*"Illi hija kienet ippreżentat ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn interpellat lill-intimat għall-ħlas ta' €62,000 kif jirriżulta mill-annessa kopja legali.*

*Illi hija trid tipproċedi bil-mandati inkluż subbasta għaliex għadha ma tħallset xejn mill-ammont in kwistjoni pero' għaddew il-ħames snin kontemplati fl-artikolu 258 (ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv hawn fuq imsemmi a tenur ta' l-artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan taħt dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

Rat **ir-risposta' ġuramentata tal-intimat tat-2 t'Ottubru 2020**[1] permezz ta' liema eċċepixxa –

Jesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma :

1. Illi *in linea* preliminari, l-esponent jeċċepixxi formalment in-nullita' tal-azzjoni attriċi a tenur tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta *stante* li l-intimata ma kkonfermatx bil-ġurament ix-xorta tad-dejn li qed tfittex l-esekuzzjoni tiegħu. L-esponent jissottometti illi l-konferma bil-ġurament hija waħda mill-kundizzjonijiiet sabiex it-talba tal-intimata tkun tista' tintlaqa' u dan anke kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet : **HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli et** deċiża mill-Prim' Awla kif diversjament preseduta, fit-18 ta' April, 2002 : "*Illi minn dan jidher li l-uniku eżami li għandha tagħmel l-istess Qorti għall- akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taċċerta ruhhu dwar l-esistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-ġurament tal-istess rikorrenti.*";

[1] Fol 14 et seq

2. Illi dejjem *in linea* preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas=su-espost, l-esponent jissoleva illi l-intimata kellha tikkjama fi-kawża wkoll lil *H.S.B.C. Bank Malta p.l.c.* u dana *stante* li din hija kreditriċi ipotekarja;

3. Illi *in linea* preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jeċepixxi n-nullita' ta' din l-azzjoni *stante* illi permezz tas-sentenza mogħtija mill-Onnorabbli Mħallef Jacqueline Padovani Grima fis-27 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Degiorgio Charmaine vs Sare' Joseph (Rikors Nru. 932/2015 JPG)**, din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta, iddikjarat il-proċeduri tas-*subbasta* 94/2011 bħala nulli. Dawn il-proċeduri ġew istitwiti mill-intimata *a bażi* tal-ittra uffiċċjali li għaliha tagħmel referenza l-intimata fir-rikors tagħha. L-esponent jissottmetti illi peress li l-ittra uffiċċjali kienet tagħmel parti mill-proċeduri tas-*subbasta* 94/2011, din l-ittra uffiċċjali 1474/11 ukoll kienet nulla u bla effett u għalhekk *se mai*, l-intimata kellha ssewgi l-proċedura skond l-Artikoolu 256(2) sabiex tesegwi t-titolu esekuttiv u tibgħat ittra uffiċċjali mill-ġdid sabiex tirrendi t-titolu esekuttiv bħala eżegwibbli;

4. Illi *in linea* preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għad-duespost, l-espo0nent jeċċepixxi l-inpapplikabilita tal-Artikolu 258(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jirreferi għall-ħames snin minn meta titolu eżekuttiv imsemmi f'253(b) u (e) seta' ġie esegwit *stante* li danl-artikolu jirreferi għal possibilta' li l-intimata kellha biex tirrendi t-titolu eżekuttiv pero' għal xi raġuni jew oħra dan ma jkunx seħħ. Madanakollu, permezz tal-ittra uffiċjali preżentata fl-4 ta' Mejju, 2011, a tenur tal-Artikolu 256(2), l-intimata eżegwixxiet dan it-titolu eżekuttiv u għalhekk l-esponent jissottometti illi l-intimata m'għandux jerġa jkollha il-possibilta' li terġa tesegwixxi dan it-titolu;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jeċċepixxi illi l-azzjoni tal-intimata hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

6. Illi dejjem u strettament mingħajr preġudizzju, l-ammont pretiż mill-attriċi skond l-ittra uffiċjali li hija tagħmel referenza għalija huwa għall-ħlas tas-somma ta' LM 18,200 li kkonvertiti fil-munita Euro jammontaw għall-ekwivalenti ta' €42,394 u mhux €62,000 kif issa pretiż mill-intimata;

Għaldaqstant u għall-motivi u raġunijiet supra elenkati, premessi u esposti, l-esponent Joseph Sare' (K.I. 366172M), filwaqt li jirriserva d-dritt li jadduċi provi u xhieda ulterjuri skond il-Liġi permessi lilu, jissottometti lil din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talba tal-intimata, bl-ispejjeż kontra l-istess intimata.

Rat **l-atti annessi tas-Subbasta Nru 94/11 fl-ismijiet Charmaine Degiorgio vs Joseph Sare'**.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat li l-proċeduri tħallew għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-proċeduri.

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrenti qegħda titlob lill-Qorti tawtorizza l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv imsemmi fir-rikors in eżami u ċioe' l-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti datat 11 ta' Mejju 2000 u li kien ġie reż eżekuttiv permezz ta' l-ittra uffiċjali datata 4 ta' Mejju 2011. Din l-ittra uffiċjali kienet ġiet notifikata lil Joseph Sare' fl-24 ta' Diċembru 2012[2] u għalhekk a tenur tal-artikolu 256 (2) tal-Kap 12 tal-

[2] Fol 18 tal-atti tas-subbasta Nru 94/11

Liġijiet ta' Malta, it-titolu tar-rikorrenti odjerna kien sar eżekuttiv nhar is-26 ta' Diċembru 2012.

Għal kull buon fini ssir referenza għall-proċeduri fl-ismijiet **Shazia Khan Darmanin vs Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lil David Darmanin deċiżi fl-1 ta' Ġunju 2017** fejn ingħad hekk dwar kuntratti ta' separazzjoni fil-kuntest ta' titoli eżekuttivi -

*"Fis-sentenza fl-ismijiet **Priscilla Seisun vs Anthony Seisun** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta' Marzu 2015 intqal illi:*

*"…l-Qorti tagħraf li l-imsemmi artikolu 253 mhuwiex wieħed eżawrjenti f'dawk li jitqiesu titoli eżekuttivi, u dan għaliex fi bnadi oħrajn jeżistu dispożizzjonijiet ta' liġi li jgħidu li kreditu jew deċiżjoni partikolari jitqiesu bħala titoli eżekutivi b'riferenza għall-imsemmi artikolu 253 tal-Kap 12. Huwa aċċettat ukoll li kuntratt ta' firda personali jagħti titolu eżekuttiv, minkejja li ma jissemmiex fl-artikolu 253. Minbarra dan, huwa stabilit ukoll li l-ammont ta' manteniment ratejali miftiehem f'kuntratt ta' firda personali jirrendi kuntratt bħal dak wieħed minn fost it-titoli eżekuttivi maħsuba flartikolu 253 safejn tali manteniment ma jkunx jgħodd fih kriterji ta' żidiet fuq ammonti mhux determinati minn qabel;*

*lli huwa minnu li l-artikolu 258 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jsemmi biss it-titoli eżekuttivi li jissemmew fl-artikolu 253, imma din il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni għaliex tqis li dak l-istess artikolu ma jagħtix rimedju f'każijiet fejn titoli eżekuttivi oħrajn magħrufa mil-liġi jitqiesu bħala titoli eżekuttivi taħt l-artikolu 253;*

*Illi ma għandux ikun hemm dubju lanqas li kuntratt ta' firda personali huwa titolu eżekuttiv u jagħti lok, fiċ-ċirkostanzi partikolari, għall-eżegwibilta' tar-rabtiet li l-partijiet ikunu għamlu fil-konfront ta' xulxin;"*

Ferm il-premess, fil-każ odjern stante li għaddew 'il fuq minn ħames snin mid-data tal-ittra uffiċjali li rrendiet il-kuntratt eżekuttiv, r-rikorrenti għandha bżonn il-permess tal-Qorti sabiex tipproċedi kontra l-intimat skont l-artikolu 258 (ċ) tal-Kap 12 li tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi hekk -

*"Wara –*

*(……)*

*(ċ) l-għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta' ġie esegwit,*

*l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiemil-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut."*

Ingħad hekk dwar dan l-artikolu fil-proċeduri **fl-atti tal-ittra uffiċjali datata it-23 ta' Novembru, 2009, u maħruġa a tenur tal-artiklu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 4215/2009 fl-ismijiet: BNF Bank plc (C – 41030) vs Simon Attard et deċiżi fid-9 t'Ottubru 2018 -**

*"Illi f'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs. Charmaine Saliba, kif rappreżentata stante li assenti mill-Avukat Henry Atoncich u l-Prokuratur Legali Joanna Dingli bħala Kuraturi Deputati appuntati b'digriet tas-6 ta' Jannar, 2012, datata s-27 ta' Settembru, 2012, fejn f'dan ir-rigward irriteniet:*

*"Illi l-imsemmi artikolu tal-liġi hu maħsub biex jirregola l-eżekuzzjoni ta' titoli eżekuttivi li jkun għadda minn fuqhom żmien minn meta setgħu jkunu eżegwiti. Dan hu hekk għaliex kull titolu eżekuttiv għandu ħajja limitata u determinata sa meta tista' ssir l-eżekuzzjoni tiegħu. Wara li jgħaddi ż-żmien preskritt, tista' titħaddem il-proċedura msemmija fl-artikolu 258" (tal-Kap 12);*

*(....)*

*Illi f'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet* ***Bank of Valletta p.l.c. vs. Multi Investments Limited et****, datata l-31 ta' Mejju, 2012, li sostniet is-segwenti:*

*"Illi minn dan jidher li l-uniku eżami li għandha tagħmel l-istess qorti għall-akkoljiment tal-istess rikors hu biss li tindaga u taċċerta ruħha dwar l-esistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat, jew parti minnu, hu dovut, u dan tramite l-konferma bil-ġurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn iżjed ma hu rikjest skont l-istess artikolu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jiġi appuntat għas-smigħ";*

*"Din il-qorti tqis pero` illi s-smigħ ta' rikors simili, għalkemm mhux obbligatorju, jagħti lill-partijiet kollha d-dritt għal smigħ xieraq u biex il-qorti jkollha quddiemha kull fatt li jista' jgħina tasal għad-deċiżjoni tagħha;*

*"Dak li jrid jiġi mistħarreġ u deċiż hu biss jekk jeżistix titolu eżekuttiv a bażi tal-artikolu 253(b) tal-Kap 12 u jekk in-natura ta' dan it-titolu għadux viġenti u li d-debitu jew parti minnu għadu dovut. Jekk ir-risposta għal dawn il-kweżiti hu fl-affirmattiv, jiskatta d-dritt tar-rikorrenti li dan it-titolu jerġa' jiġi reż eżekuttiv. Billi jkun skada t-terminu, l-liġi terġa ġġedded a bażi tal-artikolu 258 tal-Kap 12 l-eżegwibilita` tat-titolu eżekuttiv";"*

Elenkati l-prinċipji ġenerali in materja, l-Qorti tqis opportun li qabel xejn jiġu ndirizzati xi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mill-intimat.

**Fl-ewwel eċċezzjoni preliminari** l-intimat jeċċepixxi n-nullita' tal-azzjoni tar-rikorrenti stante li allegatament hija ma kkonfermatx bil-ġurament ix-xorta tad-dejn li hija qegħda tfittex l-eżekuzzjoni tiegħu.

Din l-eċċezzjoni mhijiex ġustifikata.

Għalkemm ir-rikorrenti ma ħalfitx bil-ġurament ir-rikors promotur, hija sussegwentement intavolat affidavit li fih ħadet ġurament dwar il-pretensjoni tagħha u kkonfermat li ma kienet għadha tħallset xejn minn dak dovut lilha.

**Kwindi din l-eċċezzjoni sejra tiġi respinta.**

**Fit-tieni eċċezzjoni preliminari** l-intimat jargumenta li r-rikorrenti kellha ssejjaħ fil-proċeduri lil HSBC Bank (Malta) stante li din hija kreditriċi ipotekarja. Din l-eċċezzjoni hija destinata li tfalli wkoll.

Kif diġa rriżulta mill-ġurisprudenza suċċitata, l-għan tal-proċeduri odjerni huwa biss sabiex il-Qorti tiddeċiedi dwar l-eżistenza o meno tat-titolu eżekuttiv skont il-liġi, jekk in-natura ta' dan it-titolu għadux viġenti u li d-debitu jew parti minnu għadu dovut.

Il-kuntest tal-proċeduri odjerni huwa għalhekk l-eżegwibilita' tal-kreditu eżistenti bejn il-kontendenti Charmaine Sare' u Joseph Sare'. Il-preżenza tal-Bank imsemmi m'għandha ebda rilevanza jew *locus standi* għal dan il-fini. Lanqas fil-fatt ma huma n kontestazzjoni xi drittijiet tal bank.

**Għaldaqstant l-eċċezzjoni sejra tiġi respinta.**

**Fit-tielet eċċezzjoni preliminari** l-intimat jeċċepixxi għal darb'oħra n-nullita' tal-azzjoni odjerna stante li fil-fehma tiegħu, ġjaladarba permezz tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet Charmaine Degiorgio vs Joseph Sare' il-proċeduri tas-subbasta 94/11 ġew dikjarati nulli, kull att li kien jifforma parti minnhom ġie null ukoll. Huwa jsostni li peress li dawk il-proċeduri kienu ġew istitwiti mir-rikorrenti a bażi tal-ittra uffiċjali tal-4 ta' Mejju 2011, allura dik l-ittra ġiet reża nulla u bla effett. Kwindi r-rikorrenti ma tistax tistrieħ fuqha dik l-ittra uffiċjali fil-proċeduri odjerni u kien imissha toħroġ ittra uffiċjali ġdida sabiex tirrendi t-titolu esekuttiv eżegwibbli.

Din l-eċċezzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Dak li l-Qorti sabet fis-sentenza msemmija huwa li fil-mument li ġew inizjati l-proċeduri għas-subbasta fit-18 t'Ottubru 2011 a bażi tal-kuntratt ta' separazzjoni tat-12 ta' Mejju 2000, tali kuntratt ma kienx għadu ġie reż eżekuttiv skont il-liġi stante li l-ittra uffiċjali li kellha tirrendih tali, u ċioe' dik tal-4 ta' Mejju 2011 ġiet notifikata lil Joseph Sare' fl-24 ta' Diċembru 2012. B'hekk l-atti tas-subbasta meta nbdew kienu legalment monki. Di piu' meta r-rikorrenti kisbet id-dritt li tistitwixxi l-proċeduri xorta dawn kienu laħqu saru nulli a tenur tal-artikolu 351(1) tal-Kap 12 peress li hija kienet ħalliet l-irkant wieqaf għal iżjed minn sena. Kien għalhekk li l-proċeduri tas-subbasta Nru 94/11 ġew dikjarati nulli.

Pero' dak l-eżitu ma għandux impatt fuq il-prosegwiment tal-proċeduri odjerni stante dak li qed tagħmel ir-rikorrenti hawnhekk huwa proprju li tirriattiva l-eżegwibilita' tat-titolu eżekuttiv wara li skorrew aktar minn ħames snin mid-data tal-ittra uffiċjali tal-2011.

**L-eċċezzjoni għalhekk hija respinta wkoll.**

**Fir-raba' eċċezzjoni preliminari** l-intimat jeċċepixxi l-inapplikabilita' tal-artikolu 258 (ċ) tal-Kap 12 stante li fil-fehma tiegħu dan jirreferi għall-possibilta' li r-rikorrenti kellha biex tirrendi t-titolu eżekuttiv pero' għal xi raġuni jew oħra dan ma jkunx seħħ. Huwa jargumenta li ladarba hija diġa' rrendiet titolu eżekuttiv permezz tal-ittra ta' Mejju 2011 hija m'għandhiex terġa tibbenefika mill-possibilita' li teżegwixxi dan it-titolu mill-ġdid.

Dan l-argument ma jreġix stante li l-liġi ma tindikax u ma tillimitax id-drabi li fihom tista' ssir talba għal ri-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv. Jiġifieri l-fatt li diġa' kienet inħarġet ittra uffiċjali darba, ma jfissirx li jekk jiskorru l-ħames snin stabbiliti mill-liġi mill-ħruġ tagħha ma jistax jerġa' jintalab li t-titolu eżekuttiv jerġa' jiġi eżegwibbli għal darb'oħra.

**L-eċċezzjoni sejra għalhekk tiġi miċħuda.**

Sorvolati dawn l-eċċezzjonijiet preliminari, l-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti a tenur tal-artikolu 258 tal-Kap 12 hija ġustifikata stante li mill-atti jirriżulta li l-kriterji tal-liġi huma sodisfatti billi ntwera li t-titolu tar-rikorrenti huwa wieħed eżekuttiv, għadu viġenti u l-ammont kanonizzat għadu dovut.

Fir-rigward tal-ammont ta' Lm18,200 indikat fl-ittra uffiċjali tal-4 ta' Mejju 2011 il-Qorti tirrileva pero' li l-konverżjoni ta' tali ammont f'Ewro tammonta għal €42,394.59 u mhux €62,000 kif indikat mir-rikorrenti fir-rikors promotur. Dan skont is-*central parity rate* ta' 0.4293 stabbilit mill-Bank Ċentrali ta' Malta għall-konverżjoni ta' liri Maltin f'Ewro[3]. F'dan il-kuntest għalhekk **hija ġustifikata s-sitt eċċezzjoni tal-intimat.**

**L-eċċezzjoni rimanenti tal-intimat sejra tiġi miċħuda wkoll.**

[3] file:///C:/Users/Owner/Downloads/conversion-data.pdf

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-proċeduri billi -**

**1. Tilqa' s-sitt eċċezzjoni tal-intimat u tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu;**

**2. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti kif dedotta b'dana li s-somma ndikata ta' Lm18,200 tiġi meqjusa konvertita f'Ewro fis-somma ta' €42,394.59 mhux ta' €62,000 kif erroneament indikata mill-istess rikorrenti;**

**3. L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom ikunu a karigu tal-intimat.**

Rat ukoll illi fi seduta tat- 2 ta' Ġunju, 2021, l-Avukat Difensur tal-konvenut aċċetta l-veraċita' tal-kopja ta' l-affidavid ġuramentat li ġie preżentat bħala sostituzzjoni ta' l-oriġinal li jinsab mitluf.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**